MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 426/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Clayton Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clayton Bezzina ta’ 20 sena, iben Salvu u Lina nee’ Calleja , imwieled il-Pieta` f’l-1 ta’ Marzu 1988 u residenti fil-fond Numru 184, Main Street, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 127588(M);

Akkuzat talli bejn il-5 u s-7 ta’ Marzu, 2008 minghajr awtorizzazzjoni:

1) Ipprevjena jew ostakola d-dhul ghax xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg ta’ Marlene (Maria Carmela) Cassar mill-Fgura.

2) Uza’ kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra cioe’ dik ta’ Marlene (Maria Carmela) Cassar mill-Fgura.

3) Ha pussess ta’ *computer*, sistema ta’ *computer*, *computer network* jew provvisti ta’ *computer* li jintuza’ f’xi *computer* jew *computer network*.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 337C(1)(d), 337C(1)(i), u 337D(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz, l-koperazzjoni ta’ l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-eta ta’l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 337C(1)(d), 337C(1)(i), u 337D(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-

Kap 446 tal-Ligijet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------